# MARTA

Marija kienet ilha toqghod f'dawk l-inhawi tlett snin. Zewgha, John, kien telaqha xahar wara z-zwieg u rabbiet lil uliedha wahedha. Clint kien twieled qabel iz-zwieg u Sabrina tmien xhur wara. It-trejqa li kienet toqghod fiha kienet wahda dejqa u qasira. Kull ma kienu joqghodu fiha kienu hi u l-gâra ewlenija taghha, Marta.

Dik l-ghodwa kienet wahda sabiha u Marija harget is-sellum biex tahsel it-tieqa antika li kellha taghti ghal barra. It-tieqa kienet kbira u kellha tixxabbat biex taghmel in-nahat ta' fuq taghha. Mohhha mistrieh li hadd m'hu qed jaraha telghet fuq ponot subghajha u lehqet kull rokna taghha mimlija bit-trab. Dik l-ghodwa kienet ukoll wahda minn dawk il-ftit fejn Marija hassitha tajba u kwazi kwazi anke bdiet tkanta minn taht l-ilsien, ghalkemm xi kultant titqanzah xi ftit biex tilhaq it-trab ostinat li kien ingemgha fil-kantunieri. Ghal darba, mohhha donnu kien mistrieh.

Izda donnu dan is-skiet ukoll ma kellux idum. F'daqqa wahda thoss nifs kbir warajha. Marija nhasdet. Zammet sew mas-sellum u harset lura. Bil-wieqfa tahtha, bla ma jghid kelma, sabet guvni pulit, liebes il-glekk, jistenniha ddur halli tkellmu. Haddejn Marija f'daqqa wahda hmaru. Gabret id-dublett ma' koxtejha u bdiet niezla s-sellum, tlaqlaq biex jiskuzaha talli ma ndunatx bih. F'nofs sekonda ghaddew ghadd ta' hsebijiet minn mohhha. Kemm kien ilu hemm? Lil min kien gie jzur? Min kien? Ghalkemm il-prezenza tieghu fit-trejqa zgur li ma kenitx mistennija, almenu l-bixra tieghu kienet ta' wiehed pulit u xejn aggressiva.

Il-guvni qalilha li ma kellhiex ghalxiex tinkwieta u staqsiha jekk hemmhekk kinetx toqghod wahda jisimha Marta. Dlonk urietu l-bieb taghha u marret thabbtilha halli tara kinetx id-dar. Marta damet ma wiegbet.

Hi wkoll kienet mara wahedha trabbi zewgt ulied. Kienet kwazi daqsha miz-zmien, tmienja u ghoxrin sena, izda kellha 'l ommha tghinna ssostni lil uliedha. Kull meta Marija kienet tahseb dwar dan kienet taqbadha dieqa kbira. Missierha kien mejjet u ommha ma riditx taf biha aktar wara li kienet izzewget lil John. Kienet qaltilha li ma kellhiex hajja twila mieghu u meta gara hekk flok ma waqfet ma' bintha aktar ghajritha li kellha ragun u li ma tridhiex wara biebha. Kienet din parti mir-raguni ghaliex kienet giet tghix f'dan ir-rahal fejn ma kien jafha hadd. F'daqqa wahda qabditha kurzita' kbira tkun taf min kien dan ir-ragel sabih li kien gie jzur lill-gâra taghha din l-ghodwa u jekk kinetx l-ewwel darba li kien gie jzurha. Izda dawn il-hsebijiet kollha kellhom jistennew ghar-risposta ghaliex wara ftit tal-hin, Marta dehret fil-bieb, b'wiccha mizbugh, liebsa lbies sabih bhalma qatt ma kienet ratha qabel.

Marija qaltilha li r-ragel staqsa ghaliha u Marta rringrazzjatha mill-qalb. Marija thawdet mill-gdid u regghu hmarulha haddejha tahseb li l-prezenza taghha ftit li xejn kienet mixtieqa u li kienet qed tindahal izzejjed fejn ma jesaghhiex. Il-harsa

ta' ghajnejh kienet ta' wiehed li apprezza l-preparazzjoni ta' Marta ghal-laqgha taghha mieghu.  Kienet ta' wiehed li fl-ahhar irnexxielu jakkwista xi haga tajba, sabiha u li kien qed jistenna bil-herqa li jkompli japprezzaha iktar mill-qrib.

Ghalkemm ftit li xejn kellha fejn tiskappa bid-djuqija tas-sqaq, Marija rat kif ghamlet biex tohrog minn dik in-nassa li kienet inqabdet fiha.  Bil-fixla li qabditha ma setghetx tkompli tnaddaf it-tieqa.  B'certu paniku qabdet is-sellum u l-barmil ta' l-ilma u dahhlithom gewwa.  Telqithom wara l-bieb, ghalqet it-tieqa minn gewwa u ntefghet fuq is-sufan.  L-esperjenza kienet hawditha.  Mill-privatezza tas-sqaq fejn setghet tkanta u tilbes kif trid f'daqqa wahda sabet ragel barrani josservaha fil-kwiet.  U f'daqqa wahda mtliet tqanqiliet li kien ilha mat-tlett snin shah ma' tesperjenza meta thares lejn ragel.  F'ghajnejh kienet dehret harsa ta' apprezzament, ta' interess, donnha … ta' mhabba.  F'daqqa wahda qalb Marija tqanqlu wisq emozzjonijiet.  Minn misthija, ghal konfuzjoni, ghal biza' ta' x'kien qieghed jaghmel warajha u ghalxiex ma tkellimx, ghal imhabba, ghal apprezzament ta' ragel, ghal tama gdida li kienet ghadha l-istess mara li kienet, u fl-ahhar … ghal ghira.  Iva … ghira. Ghira u misthija gdida gejja mill-fatt li Marta kellha guvni bhal dak jistaqsiha ghaliha u hi le.  Ghira ghaliex il-guvni qabadha liebsa ikrah mentri ra lil Marta liebsa pulit.  Xmara ta' emozzjonijiet li ghal ftit waqtiet dehru inkontrollabbli.

Dik l-ghodwa bexxqet it-tieqa biex tipprova tinzerta lil dak ir-ragel hiereg mill-gdid mid-dar ta' faccata.  Damet fil-kmamar ta' quddiem tad-dar ghal hin twil izda ma lemhitux.  Hassitha qisha tifla zghira x'hin telqet tigri lejn it-tieqa fi x'hin Marta harget l-ikel tal-qattusa.  Izda l-kurzita' kienet ghelbitha u ghelbitha bil-kbir.  Ma setghetx taghmel mod iehor. Kellha xi mistoqsijiet f'mohhha, fosthom kemm dak ir-ragel barrani kien ser idum ghand Marta, li kien qablilha ssolvihom aktar milli toqghod thewden fuqhom.  Marija ppruvat tikkonvinci ruhha li dak kien xi mpjegat ta' xi kumpanija li kien gie darba biss jew xi tabib.  Kien x'kien donnha li Marija ma ridetx tisma' biss kelma wahda … li l-gâra taghha kienet sabet il-wens ta' ragel daqshekk zghazugh u sabih u hi le.  Xtaqet li dak l-isqaq jibqa' kkundannat ghall-mizerja ta' nisa bhalha.  Ghal nisa zghazagh jghajtu mat-tfal wahedhom u jonxru hwejjeg antiki fejn ma jarahom hadd.

Izda ghalkemm Marija stenniet ghal tul ta' hin ir-ragel baqa' ma harigx.  Zgur li dam aktar minn siegha.  Lehqet naddfet is-salott kollu, farfret l-ghamara u s-sett tat-televizjoni, hadet kafé, u baqghet ftit tissemma' fil-kwiet b'ghajnejha maghluqin.  Kollu ghalxejn.  Kellha ccedi u tmur fil-kcina, in-naha ta' gewwa tad-dar, u tibda ssajjar l-ikla ta' nofsinhar.

Ghal dik il-gurnata l-esperjenza ta' gos-sqaq kienet hawditha.  Damet xi gimgha ma nzertat lil Marta hierga mill-bieb.  Ippruvat tehdilha minn mohhha izda ghalxejn.  Kien biss wara xi xahar li dak il-guvni rega' ssemma' bejniethom.  Kien jismu Raphael u kienet iltaqghet mieghu meta kienet qed taghmel ix-xirja mat-tifel iz-zghir.  Kien skrivan u xtaq jibqa' habib taghha.  Kien ghalhekk illi kien gie hawn dik l-ghodwa.

Ghalkemm Marta kienet ikkonfermat l-akbar biza' ta' Marija – li l-gâra taghha kienet sabet imhabba gdida qabilha, Marija donnha ndunat li wara kollox ma kienx ghadu daqshekk importanti ghaliha. Ma lahqux ghaddew jumejn illi ma regghetx rat lil Raphael fis-sqaq.  Din id-darba tbissmitlu b'certa kunfidenza u baqghet hierga lejn it-triq.

Minn dak iz-zmien lil hemm harset Marija wkoll dehret tbiddlet.  Jew bi sfida, jew b'ghira, harsitha donnha wkoll bdiet tfittex l-imhabba fl-irgiel li bdiet tiltaqa' maghhom kuljum.  Ma damitx wisq tfittex ghaliex Godfrey, li kien ilu li tefa' ghajnejh fuqha, rega' stedinha tohrog mieghu bit-tfal b'kollox u din id-darba accettat.  Godfrey kien jahdem f'hanut qrib id-dar taghha u ghall-bidu kienet thossha ffortunata li f'nofsinhar seta' jigi s'ghandha facilment.  Izda wara xi sena l-affarijiet inbidlu.  Godfrey beda jerfa' jdejh fuqha.  Mill-ewwel darba li refa' jdejh fuqha kienu ghaddew xahrejn meta darba tidhol id-dar u ssibu qed isawwat lit-tifla.  Miblugha regghet harget tigri mid-dar u marret dritt ghand il-pulizija. Irnexxielha zzomm lil Godfrey milli jkellimha izda wara dan iz-zmien kienet saret tibza' tohrog mill-bieb 'il barra.  Klara tal-haxix kienet tqabbad it-tifla l-kbira taghha tehdilha t-tfal l-iskola kull fil-ghodu u twasslilha x-xirja d-dar.  Kien zmien iehor kiefer li ghadda minghalija meta darba fost l-ohrajn semghet li Godfrey qed johrog ma' mara ohra u kien sejjer joqghod barra r-rahal.

Minn mindu saret taf b'dan donnhom l-affarijiet inbidlu.  Il-biza' taghha donnu batta u rabbiet kuragg gdid.  Bdiet tohrog fil-ghaxijiet wara l-bieb fuq siggu. Matul l-ewwel gimgha Raphael xejrilha darbtejn u b'harsa ta' misthija dahal ghand Marta wara li habtilha darba bil-mod fuq il-bieb.  Izda t-tielet darba li kienet wara l-bieb, ghal xil-hamsa ta' wara nofsinhar gie ragel iehor.  Dan kien jidher ragel b'sahhtu hafna u mismut bix-xemx.  Marija hasbet li kien xi haddiem ta' l-id li kien gie jiehu hsieb xi affarijiet milli kienet xtrat Marta.  Darba kienet qaltilha li ommha kienet mietet u li kienet wirtet xi haga.  Minn dak iz-zmien 'l hawn Marta kienet biddlet hafna mill-ghamara u sahansitra l-bieb ta' barra kienet ghamlitu tal-kewkba.  Gieli kienet tistieden xi nies id-dar u sahansitra anke fis-sighat ta' bil-lejl gieli semghet in-nies fis-sqaq.  Fejn tidhol Marta, Marija ma setghet qatt tibda. Ghalkemm bhalha kellha trabbi t-tfal wahedha kienet sabet xorti.  Raphael dejjem baqa' jigi u kienet ghamlet hbieb ma' nies ohra.  Kienet tidher ukoll li l-flus li hallitilha ommha kienu gew fiz-zmien l-iktar li kienet bzonnha.

L-istorja taghha kienet wahda aktar sfortunata.  Godfrey ftit kien taha flus u spicca jsawwatha.  Wara z-zmien sabih tal-bidu gie morr iktar minn ta' qabel. Izda lil Marta donnha ma kinetx baqghet tikkompeti maghha aktar.  Donnha kienet qatghet qalbha li jkollha l-istess xorti taghha.  Donnha li ghal xi raguni stramba dehrilha li ahjar tqisha bhala habiba taghha.  Wara kollox ghalkemm qatt ma ghenitha, u ftit li xejn kienet tkellimha, qatt ma wriet li kellha xi haga kontra taghha.

M'ghaddiex wisq zmien u Marija regghet bdiet tohrog sewwa mid-dar. Infermier mill-isptar darba kien iltaqa' maghha l-Belt u stedinha tmur tiehu kafe' mieghu. Spiccaw qattghu nofs ta' nhar flimkien u tant damu li kellu jwassalha biex tilhaq it-tfal hergin mill-iskola. Halliha fil-bidu tas-sqaq u hi u diehla nzertat ragel hiereg minnu. Marija donnha bezghet ghax ma kenitx taf x'kien qed jaghmel hemm. Kienu ghadhom kif serqu lil wahda fit-triq ta' hdejhom u kulhadd kien bezghan. Izda din il-grajja wkoll ghaddiet bhall-ohrajn ghalkemm Chris, l-infermier, baqa' jiltaqa' maghha.

Ghall-bidu tar-relazzjoni ma' Chris kienet regghet sabet ferh gdid. Kien xi kultant sahansitra jsewwilha xi affarijiet imkissrin li kien ilha tissaportihom snin. Il-bieb tal-bitha, l-ixkaffa tal-bank tal-kcina u s-sink tal-bitha. Donnu ried jghinha. Izda dlonk indunat kemm kien ihobb il-flus. Kien iqatta' granet shah il-Hdud god-dar taghha u jiekol hemm u qatt ma hareg it-tfal bil-karozza. Darba kellmitu fuq hekk u gab skuza. Beda ghaddej iz-zmien u beda johrog il-veru karattru tieghu. Donnha bdiet tarah wisq passiv quddiem it-tbatija kbira li kien jaraha tghaddi minnha biex tmantni lil uliedha. Darba John ma tahiex il-manteniment ghal xahrejn shah. Kellha tiggieled il-battalja kollha wahedha qisu hu ma kienx hemm u meta ma kellhiex biex thallas lil avukat ma gheniex. Dik l-ghodwa l-avukat ukoll deher irrabbjat hafna li ma kellhiex biex thallsu. Kliemu xejn ma kien ghogobha. Kien beda joqrob lejha u jghidilha li n-nisa jiehdu dejjem u ma jaghtu qatt. Bid-disperazzjoni kif ukoll bil-qrubija ta' wiccu lejn wiccha spiccat zbaljat. Chris donnu nduna malli ra wiccha wara li regghet iltaqghet mieghu l-Belt. Staqsiha biex hallset lil avukat u tant baqa' jirrepeti l-istess kelma li fl-ahhar kellha tammetti. Chris siket f'daqqa. Dahar dahru lejha u minn dakinhar 'il quddiem qatt ma ratu aktar.

Rega' gie zmien difficli iehor fuqha izda ma kienx l-uniku wiehed. Ghalqet l-erbghin u l-hamsin sena. Tama ftit li xejn kien ghad baqghalha fil-hajja. Izda ghallanqas iz-zmien kien kabbar lil uliedha u ma kienux ghadhom jiddependu fuqha. Ghalkemm kien hemm hafna mumenti fejn Marija hasbet li kienet sabet lil min jaghtiha kenn qatt ma rpiljat. Marta, min-naha l-ohra, baqghet dejjem tistaghna. Il-flus kienu pattew ghas-solitudni u llum il-gurnata s-sqaq kien mimli bil-vizitaturi. Tal-frigg, tal-kuker, tas-supermarket, il-gardinar, il-bajjad, il-mastrudaxxa, u sahansitra ta' l-electrician kienet iggibhom ghal kull nitfa xoghol li tinqala'. Mentri qabel s-sqaq kont tiehu qatgha ssib in-nies fih, minn mindu Marta wirtet il-haddiema donnhom kienu jaghmlu kumpanija anke lil Marija.

Biz-zmien Marta sa xtrat karozza u lit-tfal ghallmithom kull ma xtaqu. Gieli kienet tisthi tara lil Clint u Sabrina jitkellmu maghhom fis-sqaq. Il-hwejjeg ta' fuqhom kienu bizzejjed biex juruk li t-fal taghha ghexu hajja difficli. Fis-skiet ta' kamritha min jaf kemm-il darba kissret mohhha fuq x'setghet taghmel biex tghinhom aktar. Clint kien beda jahdem ghax ipprefera l-flus mill-iskola. Sabrina donnha kien ghadha ma qatghetx qalbha. It-tfal ta' Marta kien impjegahom Raphael.

Kemm Marija kif ukoll Marta fittxew is-sabar minn ragel ghall-iehor.  Wara Chris Marija donnha ma baqghetx taghti kunfidenza zejda lil min jittamaha.  Mentri ghal Clint u ghal Sabrina, Godfrey u Chris kienu 'iz-ziju' kull min gie warajhom qatt ma ghamel granet d-dar taghha u kien biss 'habib'.

Marta qatt ma kienet titkellem zejjed.  Izda mhux l-ewwel darba li Marija rat irgiel ohra dehlin ghandha, anke fis-sighat ta' bil-lejl, x'hin ma kienx ikun hemm Raphael.  Marija qatt ma qalet xejn ghax wara kollox ma kienx affariha.  Haga wahda qatt ma kienet fehmet … Il-ghaliex Raphael qatt ma ghex ma' Marta. Donnu li bejn iz-zewg girien id-destin ma kienx daqshekk imbieghed wara kollox. Izda mentri wahda ghexet hajjitha kollha fit-tqancic, l-ohra donnha kienet sabet sabar, iktar milli f'ragel, fil-flus.

Lil Marta, wara kollox, kienet tirrispettaha.  Qatt ma kienet minn ta' gewwa maghha izda ma kinitx xi mara qarrieqa.  Chris kien ghamel zmien jipprova jdahhliha f'rasha ma tafdahiex. Dan ghaliex mentri Marta kienet tghid li kellha hutha u ommha, Chris kien assiguraha li kien jaf lil Marta izghar u kienet tifla wahedha.  Kien qalilha wkoll li ommha kien ilha mejta zmien twil.  Izda, wara kollox, ma tantx kienet taghti kasu ghaliex sikwit kien ihobb jaghti l-impressjoni li dejjem jaf kollox fuq kulhadd.

Iz-zmien gerbeb fuq li gerbeb.  Darba wahda Marija ddecidiet li titla' sal-Barrakka ta' Fuq wara nofsinhar.  Poggiet bil-qieghda fuq bank u l-anzjan ta' hdejha beda jpacpac maghha bla ma jafha.  Malli qaltlu minn fejn kienet, bla ma hares lejha, qalilha li darba kellu l-inkwiet mat-tifel ghaliex kien qed jitla' ghand wahda toqghod 'l hemmhekk.  Qalilha li kien qed jaghmilha ma' xi guvintur mir-rahal u kienu qed immorru ghandha bil-flus.  Marija, bla ma taf, staqsietu x'kienu jmorru jaghmlu ghandha u kien dak il-hin li dar lejha b'harsa kurjuza f'ghajnejh.  Ir-ragel pacpaci qalilha x'kienu jmorru jaghmlu minn taht l-ilsien u kompla min-naha jghid bid-dettalji u bl-ismijiet.  Fl-ahhar qalilha li din kienet xi mara bla ragel imma ma setghax jiftakar isimha.  Kienet ghamlet fortuna minn fuq erba' guvintur zghar bhat-tifel tieghu imbaghad spiccat ma' wiehed ta' Sriedaq – kuntrattur mill-kbar – il kien imur ghandha hu wkoll.  Marija harset bl-ikrah lejn dak l-anzjan itaqtaq fuq in-nies u qaltlu li ma kinetx taf min hi meta f'daqqa wahda l-anzjan pacpaci qalilha li kien ftakar isimha u kien gieh f'rasu wkoll isem ta' Sriedaq … kien jismu Rafel u dik il-mara li kien imantni Rafel u z-zghazagh dilettanti l-ohra ma kienet hadd hlief … Marta.

Dik il-lejla, f'sodditha, Marija qolfot u esperjenzat mill-gdid l-ghira ta' meta hasadha dak ir-ragel ta' taht is-sellum.  Fid-delirju ta' mal-lejl kien hemm misteru wiehed li qatt ma setghet tifhem … li hi tkissret ghaliex habbet … u Marta … Marta staghnat ghax ma habbet qatt.

17 ta' Dicembru 2006